**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 23 ta' Frar, 2021**

**Mandat Nru: 121/2021/1 AF**

**Geoffrey Azzopardi, Frankie Sammut u Clayton Silvio**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Geoffrey Azzopardi, Frankie Sammut u Clayton Silvio li permezz tieghu, ghar-ragunijiet moghtija, din il-Qorti ntalbet zzomm lill-Kummissarju tal-Pulizija milli jaffettwa, jimplimenta jew jenforza d-decizjoni tieghu komunikata lill-esponenti permezz tac-Cirkolari li giet ippublikata, proprju fis-16 ta' Novembru, 2020, bir-referenza **'CHQ Circular 40/2020'**, b'titolu ***'BUSINESS INTERESTS & ADDITIONAL OCCUPATIONS'***, li permezz taghha ser jigu revokati b'effett mill-1 ta' Frar, 2021 dawk il-permessi kollha moghtija mill-intimat sabiex ikollhom, izommu jew jezercitaw '*business interest'* f''*activities which have been considered as compatible, in line with CHQ Circular 08/2018'.*

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet precedenti.

Rat it-twegiba tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat id-dokumenti annessi

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla sabiex jigi degretat in camera.

Ikkunsidrat illi r-rikorrenti qeghdin jitolbu li l-Kummissarju intimat jinzamm milli jimplimenta decizjoni tieghu li permezz taghha kellhom jigu revokati fl-1 ta' Frar, 2021, il-permessi precedentement moghtija lir-rikorrenti biex jipprattikaw il-professjoni taghhom barra l-hinijiet tax-xoghol fil-Korp tal-Pulizija. Il-Kummissarju jwiegeb billi jinsisti illi huwa ghandu kull dritt jirrevoka l-permessi.

Jirrizulta illi t-tliet rikorrenti, gradwati fil-ligi u titolari ta' warrant biex jipprattikaw il-professjoni ta' avukat, kienu talbu u nghataw permess li jezercitaw il-professjoni taghhom b'diversi limitazzjonijiet, tant li l-attivitajiet li setghu jezercitaw gew elenkati fl-istess permess. Il-permessi kienu nghataw lilhom skond l-Art 11 tal-Police Act u il-policies vigenti dak iz-zmien u cioe' circular 8/2018 li kienet tipprovdi ghal talbiet simili. Kienet ukoll waqqfet board biex jirregola l-ghoti ta' tali permessi. Il-permess moghti ma kienx ikopri terminu definit.

Fil-15 ta' Novembru, 2020 permezz ta' cirkolari nterna "Standard Operating Procedures & Policies List" il-membri tal-Korp gew mgharrfa illi giet stabbilita policy gdida rigwardanti "Business Interests & Additional Occupations".

Fis-16 ta' Novembru, 2020 il-membri tal-Korp gew mgharrfa permezz ta' cirkolari ohra 40/2020 illi permessi precedenti moghtija taht ic-cirkolari 08/2018 "shall be automatically revoked on from (sic) Monday 1st February 2021."

Il-htigijiet tal-ligi fil-kuntest ta' talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni huma cari u ben stabbiliti fil-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati.

L-Art 873 jipprovdi testwalment:

***873. (1)*** *L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

***(2)*** *Il-qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrenti* ***prima facie*** *jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

Mill-kliem tal-ligi stess jirrizulta illi l-htigijiet tal-ligi huma kumulattivi, mhux alternattivi. Huwa ritenut inoltre illi l-Qorti li tkun intalbet taghti l-ordni tezamina l-fatti bil-ghan li taccerta ruhha li jezisti dritt pero' l-ezercizzju taghha huwa essenzjalment limitat ghal dak li jirrizulta mad-daqqa t'ghajn.

F'kaz li l-mandat ikun qieghed jintalab kontra l-gvern jew awtorita' pubblika il-ligi tipprovdi:

***873. (3)*** *Il-Qorti m'ghandha tohrog ebda mandat bhal dak kontra l-Gvern jew awtorita' mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha kemm-il darba l-awtorita' jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.*

Il-Qorti tibda billi tiskarta l-oggezzjoni tal-Kummissarju intimat illi l-mandat ma ghandux jintlaqa' ghaliex id-decizjoni tal-Kummissarju diga ttiehdet permezz tac-cirkolari 40/2020. Din il-Qorti ma taqbilx. L-istess kliem tac-cirkolari, li hija bil-lingwa Ingliza, huma "shall be automatically revoked on from Monday

1st February, 2021". L-uzu stess tal-"future tense" tal-lingwa Ingliza ifisser li l-att ghadu jrid isehh. Kieku r-revoka saret bl-istess cirkulari, il-kliem kien ikun "are hereby being revoked." Galadarba l-mandat gie ntavolat qabel dik id-data, il-Qorti tqis li huwa tempestiv u regolarment mitlub.

Dan premess, il-Qorti b'hekk tghaddi biex tqis jekk ir-rekwiziti tal-ligi kif imsemmija aktar il-fuq jinsabu sodisfatti ghal fini ta' dan il-mandat.

Dwar il jedd li jippretendu li jgawdu r-rikorrenti, il-Qorti tinnota li l-permess moghti lilhom precedentement gie hekk moghti legittimament mill-awtorita' li kellha kull setgha li taghtih. Il-Board li tahom il-permess kien korrettement kompost skond il-ligi. Kuntrarjament ghal dak li jostni l-Kummissarju intimat, ma gie impost fir-rigward ebda terminu ghat-tgawdija tal-istess permess. Il-Qorti taqbel mal-Kummissarju meta jsostni li dan ma jfissirx li jista' jibqa' jitgawda bla xkiel in aeternum. Pero dan lanqas ma jfisser illi l-Kummissarju ghandu "diskrezzjoni assoluta", fi kliem l-istess abbli difensur tieghu, li jirtira l-permess kif u meta jidhirlu. Jidher illi l-istess regoli li a tenur taghhom gie moghti l-permess ma jipprovdux ghall-procedura tal-irtirar tal-permess, madanakollu l-Kummissarju jibqa' marbut bil-principji generali tal-gustizzja naturali u r-ragonevolezza.

Dwar il-pregudizzju li ser isofru r-rikorrenti bir-revoka tal-permessi din il-Qorti m'ghandhiex raguni tiddilunga. Ir-rikorrenti ghadhom fil-bidu tal-prattika legali taghhom. Huwa maghruf li l-ewwel snin ta' kull professjoni huma l-aktar difficli. Jekk jitilfu kull ma hadmu ghalih s'issa ser jsofru pregudizzju konsiderevoli u dan mhux semplicement pekunjarju, kif qieghed isostni l-Kummissarju tal-Pulizija. Il-Qorti ma taqbilx li ghandhom hekk jesperjenzaw minghajr ma jkunu nghataw is-smiegh xieraq kif imsemmi aktar 'il fuq.

B'din il-konsiderazzjoni il-Qorti tasal ghar-rekwiziti partikolari imposti mil-ligi f'talba ghall-hrug ta' mandat kontra l-Gvern.

Ghar-rigward tal-konferma bil-miftuh li l-haga fil-fatt hija mahsuba li ssir, din il-Qorti tqis li dan ir-rekwizit jinsab

sodisfatt tant illi, mhux talli gie ammess illi l-haga ser issir izda l-abbli difensur tal-Kummissarju rapprezentat fl-awla minn Assistent Kummissarju baqa jinsisti li diga saret.

Dwar l-isproporzjonalita' tal-pegudizzju il-Qorti tirreferi ghall-fuq citata decizjoni fil-proceduri Gauci vs Direttur tal-Kuntratti fejn il-Qorti spjegat:

"Dan ma jfissirx illi, f'dan ir-rigward, il-ligi llum (b'sehh minn Ottubru tal-2006), m'ghadhiex titkellem dwar pregudizzju "li ma jkunx jista' jigi rimedjat" bhala l-bazi tal-ilqugh ta' talba ghall-hrug tal-Mandat kontra l-Gvern, imma bizzejjed jintwera li tali pregudizzju jkun sproporzjonat. Dan ifisser li, bejn il-vantagg li johrog kieku l-haga titwettaq u l-hsara li ggib maghha jehtieg li jsir tqabbil, izda dan ghandu jitqies mill-perspettiva tal-parti li titlob il-hrug tal-Mandat."
*(Gauci vs Direttur tal-Kuntratti – 18 ta' Lulju, 2008).*

Fil-kaz in ezami l-isproporzjonalita' sal-grad li trid il-ligi tissussisti. Il-possibilita' konkreta hija li jbatu ferm aktar ir-rikorrenti jekk jittiehdilhom permess arbitrarjament bla ebda hjiel ta' proceduri "meta mqabbel mal-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma" (Art 873 (3)).

Il-Kummissarju tal-Pulizija jiddikjara fit-twegiba tieghu li d-decizjoni li jigu rtirati l-permessi ttiehdet wara r-rakkomandazzjonijiet ta' istituzzjonijiet internazzjonali, fosthom GRECO. Huwa minnu li GRECO rrakkomandat kif gej:

*"GRECO recommends that the exercise of parallel activities is regulated by more explicit and strict criteria and that additional measures be taken to promote such rules and to ensure effective compliance with these."*

Il-Qorti tifhem u tapprezza ferm ir-rieda tal-Kummissarju tal-Pulizija li jsegwi din ix-xorta ta' rakkomandazzjoni. Pero' ma tarax li GRECO effettivament qeghda b'xi mod tirrakkomanda l-irtirar arbitrarju ta' kull permess vigenti sal-gurnata ta' llum.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' definittivament it-talba ta' Geoffrey Azzopardi, Frankie Sammut

u Clayton Silvio kif kontenuta fir-rikors taghhom tas-26 ta' Jannar, 2021.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza fil-mertu.

IMHALLEF